# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 402/2017**

**Fl-atti tal-mandat ta' Qbid**
**Numru 660/17**
**fl-ismijiet:**

**JIN Limited**
**(C- 45048)**

**vs.**

**Bernardette Cilia**
**(K.I. numru 186380 M)**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Bernardette Cilia datat il-5 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-3 ta' Mejju, 2017, haddiema tal-intimata Cilia, hawn rikorrenti, ircevew ordni ta' rikonjizzjoni wara l-Mandat ta' Qbid fuq riferit;

1.2. Illi l-istess mandat hu vessatorju *stante* li m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` rikorrenti, hawn intimata;

1.3. Illi l-ksur tal-franchise hu biss min-naha tal-imsemmija socjeta` billi agixxiet b'mod frawolenti mar-rikorrenti odjerna;

1.4. Illi l-prodotti involuti fil-mandat ta' qbid in dizamina ghandhom data ta' skadenza u ghalhekk mhux suggetti li jinbieghu b'subbasta;

1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex din:

1.5.1. Tirrevoka *contrario imperio* il-mandat ta' qbid *de quo*;

1.5.2. Tiddikjara li l-agir tas-socjeta` hawn intimata hu malizzjuz, vessatorju u frivolu u ghalhekk tikkundanna lill-istess socjeta` thallas penali *ai termini* tal-artiklu 836(8) tal-Kap 12;

1.5.3. Tordna lill-istess socjeta` hawn intimata biex taghti garanzija ghall-hlas tal-penali *de quo*, danni u imghax ai termini tal-artiklu 838A tal-Kap 12;

1.5.4. Tiddikjara li r-rikorrenti odjerna ghandha tappunta kunsinnatarju;

2. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` hawn intimata datata l-24 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 12):

3.1. Illi hi biss qed tezercita d-drittijiet lilha spettanti;

3.2. Illi r-rikorrenti odjerna naqset tindika taht liema subinciz tal-artiklu 836 tal-Kap 12 qed titlob ir-revoka tal-mandat *de quo*;

3.3. Illi mandat minnha mitlub u koncess mill-qorti relattiva bl-ebda mod m'hu frivolu u vessatorju;

3.4. Illi mhux minnu li d-debiti riklamati mis-socjeta` hawn intimata mhumiex minnhom;

3.5. Illi qatt m'agixxiet b'mod frawdolenti;

3.6. Illi l-mandat in dizamina inhareg minghajr elevazzjoni bl-iskop li prodotti bi skadenza qasira ma jithallewx abbandunati f'xi mahzen;

3.7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti Cilia ghandhom jigu respinti;

3.8. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti odjerna;

4. Illi ghalkemm ir-rikorrenti kellha l-opportunita` tipprezenta l-provi taghha fir-rigward, la hi u lanqas l-abbli rapprezentanti legali taghha ma dehru fl-udjenzi appozitament mizmuma ghal dan il-ghan, (ara foll 21 u 22);

5. Illi in vista tal-istess, ghalkemm ir-rikorrenti intavolat diversi allegazzjonijiet fil-konfront tas-socjeta` hawn intimata naqset li tipprova l-istess allegazzjonijiet taghha;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqset li tipprova l-allegazzjonijiet taghha, u konsegwentement:

**DECIDE:**

6.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Bernardette Cilia;

6.2. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Bernardette Cilia.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**